MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 727/2004

**V. Demajo & Bros.**

**Vs**

**Mario Cini**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm572.19c (hames mija u tnejn u sebghin lira Maltin u dsatax-il centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ ghodda mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lill-konvenut u liema ammont jinkludi wkoll l-imghax kummercjali kalkolat sal-1 ta’ Settembru, 2003.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja datata 11 ta’ Frar, 2004 u bl-imghax kummercjali ulterjuri mill-1 ta’ Settembru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr Carlo Vigna jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------